

31996R0095

L 18/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.1.1996

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 95/96****tat-23 ta' Jannar 1996****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1501/95 li jistipula ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 fuq ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq iċ-ċereali u l-miżuri li għandhom jittieħdu fl-eventwalità ta' ċaqliq fis-suq taċ-ċereali**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1863/95 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1501/95 <sup>(3)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2480/95 <sup>(4)</sup>, jistipula, għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92, il-miżuri li għandhom jittieħdu fejn ikun hemm ċaqliq jew theddida ta' ċaqliq fis-suq tal-Komunità, u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' taxxi ta' esportazzjoni;

Billi, minħabba fin-natura mhux kummerċjali tal-Komunità u l-miżuri ta' għajjnuna għall-ikel nazzjonali pprovduti taħt ftehim internazzjonali jew programmi oħrajn supplimentari, kif ukoll miżuri oħrajn ta' proviżjon b'xejn tal-Komunità, esportazzjoni magħmula għal dan il-għan huma esklużi mit-taxxa fuq l-esportazzjoni applikabbli lill-esportazzjoni kummerċjali f'każijiet ta' ċaqliq fis-suq taċ-ċereali; billi dispożizzjoni xierqa għandha għalhekk tkun introdotta fir-Regolament (KE) Nru 1501/95;

Billi għandu jkun ipprovdut illi din id-dispożizzjoni speċifika tkun applikabbli, meta jiġu ppreżentati dokumenti li jsostnu dan, lill-esportazzjoni għall-implimentazzjoni ta' tali miżuri li jkunu saru minn meta jkunu ffissati t-taxxi fuq l-esportazzjoni bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 u, għall-ewwel darba li jiġu ffissati f'din is-sena ta' negozju, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1749/95

tat-18 ta' Lulju 1995 li jagħmel taxxa fuq l-esportazzjoni dwar il-prodotti li jkunu skond il-kodiċi taċ-CN 1001 10 00 u 1103 11 10 <sup>(5)</sup>;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

It-tieni subparagrafu li ġej qiegħed hawnhekk jiddaħħal fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1501/95:

“Madankollu, l-ebda taxxa m'hi se tiġi applikata lill-esportazzjoni taċ-ċereali jew prodotti taċ-ċereali li ssir biex jiġu implimentati miżuri tal-Komunità u għall-għajjnuna għall-ikel nazzjonali pprovduti skond ftehim internazzjonali jew programmi supplimentari oħra, jew biex jiġu implimentati miżuri oħra ta' provvista b'xejn mill-Komunità.”

*L-Artikolu 2*

L-Artikolu 1 għandu jiġi applikat, fuq l-inizjattiva tal-operaturi kkonċernati meta tiġi ppreżentata prova illi huma qegħdin jesportaw bħala parti mill-ħidmiet kkonċernati ta' għajjnuna għall-ikel, lill-esportazzjoni li ssir għal dan il-għan mid-19 ta' Lulju 1995. Kull garanzija li saru fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu rilaxxati.

*L-Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fil-ġurnata wara li jiġi ppubblikat fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Jannar 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.

<sup>(2)</sup> ĠU L 179, tad-29.7.1995, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 147, tat-30.6.1995, p. 7.

<sup>(4)</sup> ĠU L 256, tas-26.10.1995, p. 9.

<sup>(5)</sup> ĠU L 169, tad-19.7.1995, p. 21.